# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 262/98 AJM

Kawza numru

Charles Aquilina

Vs

Silvio Camilleri

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-6 ta' Frar 1998 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li fit-30 ta' Awissu 1997 ghal habta tal-5.30 a.m. f'Main Street, San Giljan, waqt li l-attur kien qed jsuq il-vettura tieghu tal-marka Granada bin-numru ta' Registrazzjoni Y-0078, il-konvenut li kien qed isuq ix-xarabank tal-marka Bedford bin-numru ta'Registrazzjoni DBY-356, bi traskuragini, imperizja, u negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku dahal fil-vettura ta' l-attur u kkawzalu hsara kbira kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza, kif jirrizulta mill-anness skizz Dok A; illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra datata 24 ta' Settembru 1997 sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni izda baqa' inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-incident tat-30 ta’ Awissu, 1997, li gara fi Main Street, San Giljan bejn il-kontendenti sehh tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja, u negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenut;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur jekk hemm bzonn bl-opera ta’periti nominandi;
3. tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ta’ l-24 ta’ Settembru, 1997 u l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fid-19 ta’ Novembru 1998 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba tal-attur ghandha tigi michuda stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija tal-attur nnifsu.
2. Ghalhekk it-tieni talba ta’ l-attur ghandha tiig respinta wkoll billi ma hemmx danni x’jigu likwidati favur tieghu.
3. T-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent m’ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-17 ta' Marzu 1999 ta'din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-12 ta' Mejju 1999 saiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-proviprodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-incident mertu ta' din il-kawza gara ghal habta tal-5.30 a.m. gewwa Main Street, St. Julians fil-kurva hekk kif tiskorri l-Knisja tal-Karmnu sejjer fid-direzzjoni ta' San Giljan. It-Taxi numru Y-0078 misjuqa mill-attur kienet gejja mid-direzzjoni ta' San Giljan sejra lejn tas-Sliema filwaqt li l-Bus numru DBY-350 misjuqa mil-konvenut kienet gejja mid-direzzjoni opposta.

Iz-zewg sewwieqa jallegaw negligenza fil-parti opposta billi kemm wiehed u kemm l-iehor jattribwixxu r-raguni ghall-incident minhabba l-fatt li qabel l-impatt l-parti l-ohra kienet isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq. Infatti l-attur isostni li huwa kien mixi fuq in-naha tieghu tat-triq bi speed moderat meta dar id-dawra sab il-bus faccata tieghu "wrong side" u sar l-impatt ghalkemm huwa ipprova jiskapulaha. Il-konvenut mill-parti tieghu jsostni li l-attur kien jsuq fuq in-naha l-hazina tat-triq ghal xi distanza bi speed qawwi u meta hu ra hekk applika l-brakes u gibed xi ftit fuq in-naha tal-lemin tieghu biex jevitah izda xorta grat il-habta billi t-Taxi habtet mal-gemb lemini tieghu u tkaxkret mieghu ghal mal gemb kollu tal-bus – minn rota sa rota.

Dawn il-verzjonijiet insibuhom ukoll fl-okkorrenza tal-incident li saret mis-Surgent (illum Spettur Mario Tonna) fejn hemm riportat ukoll xqalu l-passiggiera fiz-zewg vetturi. Fi ftit kliem dawk li kienu fit-Taxi kkorroboraw dak li sostna l-attur fil-waqt li Wilfred Compagno, Inspector mal-Awtorita' tat-Trasport, ikkorrobora dak li qal l-istess konvenut.

Li skizz tal-incident izda juri certa fatti salienti li jwasslu din il-Qorti sabiex tasal ghal konkluzzjonijiet taghha favur it-tezi ta' l-attur billi ssib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident. Infatti li skizz juri l-vettura tal-konvenut kompletament fuq in-nahha l-hazina tat-triq b'mod li qed timblokka l-maggor parti tal-karreggata gejja mid-direzzjoni ta' San Giljan. Issa din il-vettura qatt ma setghet sabet ruhha hemm bil-manuvra allegatament maghmula mill-konvenut meta jghid li "ibbrekja u gibed lejn il-lemin" billi tali manuvra kienet twassal biex il-Bus tal-konvenut tkun aktar angolata lejn il-lemin mill-kif tidher u mhux parallela mal-bankina u mal-linja medjana izda fuq in-naha l-hazina taghha.

Illi anke jekk ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jaccetta li l-konvenut gibed l-barra biex jevita lill-konvenut din il-manuvra ukoll ma tiskulpax lill-konvenut billi wiehed ma ghandux jipprova jevita incident billi jippoggi lilu nnifsu f'posizzjoni li jipperikola traffiku iehor. Billi l-bus kienet mixja "kemm kemm" kien jkun bizzejjed kieku dan illimita ruhhu li japplika l-barke ghax b'dan il-mod ma kien jimblikka t-triq, ma kienx jpoggi ruhhu fuq in-naha l-hazina tat-triq, u kien ukoll jhalli bizzejjed spazju ghal vettura li gejja mill-faccata biex tghaddi fuq s-side taghha.

Ghal kuntrarju l-attur jinsab kompletament fuq in-nahha tieghu tat-triq sew fil-mument kif beda l-impatt (vide il-brake marks) u sew wara l-impatt. L-allegazzjoni tal-konvenut li d-direzzjoni (lura) tal-brake marks huwa indikattiv tal-fatt li l-vettura tal-attur kienet "wrong side" mhux pruvata anke ukoll billi dawn jinsabu f'kurva u seta' ghalhekk facilment l-attur kien sporgut il-barra – pero' dejjem fuq in-naha tieghu tat-triq – meta sar l-impatt.

Hemm diskrepanza serja bejn dak li xhed il-konvenut u x-xhud tieghu Compagno. Infatti ghalkemm ta' l-ahhar qal kategorikament li huma kienu waqfu fuq il-Bus Stop ta' hdejn l-incident "kemm kemm" maqlughin mill-bankina. Dan il-fatt gie michuda ukoll b'mod kategoriku mill-istess konvenut li qal bla tlaqliq li huwa qatt ma waqf f'dik il-Bus Stop izda fil-Bus Stop ta' qabel li tinsab xi distanza mill-incident.Din d-diskrepanza hija rilevanti billi mhux biss turi li l-istess Compagno ma kienx attent ghal dak li kien qed jigri u ghalhekk ftit seta kien jaf kif kien gej l-attur, izda ukoll ixxejjen t-tezi ta' l-sitess Compagno li ftit qabel l-incident huma kienu mixjin sewwa fuq in-naha taghhom tat-triq.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti ssib lil-konvenut kien unikament responsabbli ghall-akkadut.

Ikkunsidrat:

Dwar il-quantum tad-danni xhed l-istess attur u spjega li l-vettura tieghu, xi zmien wara li sar is-survey, giet dikjarata bhala "total loss" u li l-"pre accident value" taghha kien ta' cirka LM1,840. Bhala konsegwenza tal-incident l-attur sofra ukoll "loss of use" ghal perjodu ta' xaharejn billi dam daqshekk jistenna vettura ohra u stante l-fatt li din kienet Taxi – cioe

l-mezz ta' qligh tieghu – huwa sofra telf ta' LM1,200 mill-introitu tieghu. B'kollox ghalhekk l-attur sofra hsara fl-ammont ta' tlett elef u erbghin lira maltin (LM3,040.00).

Is-survey report ma jghid xejn dwar il-kondizzjoni tal-vettura ta' l-attur ghalkemm jaghmel deskrizzjoni tal-hsara. L-istess Compagno stqarr li t-Taxi, bhala rizultat tal-incident kienet "total loss". Biss l-attur spjega li is-surveyor ma iddikjarax il-vettura tieghu immedjatament bhala "total loss" billi l-ewwel kellu jigbor il-prezzijiet tal-parts u wara jikkonsulta ruhhu mal-assikurazzjoni.

Kollox ma kollox din il-Qorti ma tarax li t-talba attrici hija wahda ezagerata u ghalhekk tillikwida l-ammont fis-somma ta' LM3040.00.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, tillikwida d-danni attrici fis-somma ta' tlett elef u erbghin lira maltin (LM3,040.00) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri